QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 T' APRIL 2001

Avviz Nru 2064/98DM

Joseph Vella

vs

Joseph Bonnici

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, in linea ta' danni mill-konvenut ikkagunati lill-attur meta fi Vjal il-Helsien Haz-Zebbug fl-10 ta' Jannar 1996 ghal xi 6.45 a.m. waqt li kien qed isuq il-karrozza tal-marka Daewoo Numru tar-Registrazzjoni K 0765 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'imperizja u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku baqa' hiereg minn Dun Miju Zarb Street fejn hemm 'Stop Sign' ghall fuq Vjal il-Helsien u habat mal-vettura tal-attur tal-marka Peugeot Numru tar-Registrazzjoni D 7820, illum Numru DAO 121, u kkagunalhu hsara fiha.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Dicembru 1996 u bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Jannar 1996 sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas- subizzjoni.

Ghall fini ta' kompetenza jigi dikjarat li d-danni pretizi mill-attur ma jeccedux il-hames mitt lira (Lm500)

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Joseph Bonnici fejn eccepixxa:

1 Illi l-allegazzjonijiet migjuba mill-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut mhux responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-10 ta' Jannar 1996, fi Vjal il-Helsien, Haz-Zebbug

2 Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tal-14 ta’ Gunju 2000 fejn il-konvenut jiddikjara li mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta.

Rat il-verbal tas-7 ta’ Novembru 2000 fejn il-kontendenti assistiti mid-difensuri taghhom qed jiddikjaraw illi d-danni sofferti mill-attur jammontaw ghas-somma ta’ Lm521.39c limitati ghas-somma ta’ Lm500.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kollizzjoni grat waqt li l-attur kien qed isuq ghad-dritt fi triq principali u waqt li l-konvenut hareg minn triq sekondarja fuq ix-xellug tal-attur u kien qed jaqsam il-karreggjata tal-attur.

L-obbligi rispettivi tas-sewwieqa kienu, fir-rigward tal-attur, li kien miexi ghad-dritt f’arterja principali tat-traffiku, li, oltre li jzomm ‘a proper lookout’, li jsuq b’dik il-velocita rakkommandata ghall-inhawi u dettati mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u fir-rigward tal-konvenut, li ma jinvadix it-triq principali qabel ma jkun accerta ruhhu sew li **ma kienx gej traffiku** u li ghalhekk ma jostakolax lill-utenti tat-triq principali u mbaghad jezegwixxi l-manuvra bi speditezza u ma jitlajjax.

Mid-deposizzjoni tal-istess konvenut, li ghalkemm ddikjara li esplora t-triq principali ma kienx innota l-attur, jirrizulta definitivament nuqqas ta’ ‘a proper look out’ billi naqas li jara dak li fil-fatt kien hemm tant li habat mieghu, tenut kont ukoll tal-vizwali fit-tul li toffri Triq il-Helsien.

Ghalhekk tirrizulta r-responsabilita’ tal-konvenut.

Dwar l-attur jirrizulta li biex wasal sa mal-konvenut halla 21.3 metri ta’ brake marks u xorta wahda l-impatt kien wiehed sostanzjali stante l-hsarat fiz-zewg vetturi.

Ghalkemm ma jirrizultax li Vjal il-Helsien hija triq li tezigi velocita massima ta’ inqas minn 60 k.f.s., billi jirrizulta li dak il-hin tal-incident kien hemm hafna nida, kienet suggerita velocita inferjuri minn dik regolamentari stante iz-zliq li jkabbar il-‘braking distance’.

Billi jirrizulta anke mid-deposizzjoni tal-istess attur li kien qed isuq bl-40 m.f.s., issib li anke l-attur ghandhu sehem mir-responsabilita’ ghall-kollizzjoni u qed taqsam ir-responsabilita’ tal-kollizzjoni bejn is-sewwieqa fi grad ta kwart (1/4) ghall-attur u tlett kwarti (3/4) ghall-konvenut.

Peress li d-danni li sofra l-attur gew likwidati fis-sommata LM500 il-konvenut huwa tenut li jhallas lill-attur ¾ ta' dan l-ammont fis-somma ta' Lm375.

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici limitatament billi tiddikjara li l-konvenut ghandhu tlett kwarti mit-tort ghall-kollizzjoni u ghad-danni rizultanti kkagunati lill-attur meta fi Vjal il-Helsien Haz-Zebbug fl-10 ta' Jannar 1996 ghal xi 6.45 a.m. waqt li kien qed isuq il-karrozza tal-marka Daewoo Numru tar-Registrazzjoni K 0765 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'imperizja u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku baqa' hiereg minn Dun Miju Zarb Street fejn hemm 'Stop Sign' ghall fuq Vjal il-Helsien u habat mal-vettura tal-attur tal-marka Peugeot Numru tar-Registrazzjoni D 7820, illum Numru DAO 121, u kkagunalhu hsara fiha. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' LM375, kif fuq likwidata, bl-imghax legali b'effett mill-lum.

Bl-ispejjex jithallsu in kwantu ghall-1/4 mill-attur u ¾ mill-konvenut.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ23